# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 776/01mm**

**Auto Sales Ltd.**

**vs**

**GCO Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm2,771.00) rapprezentanti l-ammont dovut skond kambjali ffirmati u skaduti. (Dok 1 sa' 17)

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Lulju, 2001, u l-ittra bonarja datata 15 ta' Mejju, 2001, u Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru ipprezentati kontestwalemnt u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Dicembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur